MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Talba Numru. 842/2007

**Joseph Sammut noe**

**Vs**

**Joseph Scicluna et**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta` Novembru, tas-sena 2007 fejn intalab illi l-konvenuti kellhom jigu kkundannati jhallsu lil attur is-somma ta` Lm327 rapprezentanti prezz ta` household appliance debitament mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-fattura u bl-ispejjez ta` l-ittra ufficcjali datata 22 ta` Gunju, 2007 kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Gie notat illi konvenuti ghalkemm legalment notifikati baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Gie notat ukoll li l-konvenuti ghalkemm debitament imsejha diversi drabi biex jattendu ghas-seduta ta` llum, huma naqsu li jidhru meta msejha.

Sema` x-xhieda ta` l-Avukat Dr. Pio Valletta li bil-gurament tieghu jikkonferma li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kienet ghada dovuta sa l-gurnata ta` llum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lil attur is-somma mitluba ta` €761.71c (Euros) gia` Lm327, bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------